- KREDITU - KERA - IMGHAX -.

- ARTIKOLU 165 KAP 12 -.

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 14**
**Citazzjoni Numru: 954/99/RCP**

**Galleria Management Limited**

**vs**

**F & G Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tlieta u tlettin elf u tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm33,351.02) rappresentanti

l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta nkonnessjoni ma' l-istore *Chicco/Giocheria* fil-*"The Galleria"* 189 Zabbar Road, Fgura PLA 07 skond l-anness statement.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut s-socjeta konvenuta ma hallset xejn.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond **artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** (Dok B).

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tlettin elf u tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm33,351.02) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez ikluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' April 1999 u tal-mandati ta' sekwestru u mandat ta' qbid ppresentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri mill-31 ta' Marzu 1999.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tas-26 ta' Mejju 1999 fejn Dr Carmel Chircop ghas-socjeta' konvenuta ddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha eccezzjoni valida x'taghti u din hija fis-sens li mhux l-ammont kollu huwa dovut. Dr Degabriele ghas-socjeta` attrici rrimetta ruhu. Dr Chircop talab li jipprezenta Nota tal-Eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat li l-kawza ssir fil-kors normali taghha u tat 20 jum lis-socjeta konvenuta biex tipprezenta n-Nota tal-eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju 1999 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta a fol. 13A tal-process fejn gie eccepit:

Fl-ewwel lok is-socjeta` eccipjenti qed tikkontesta l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici li qatt ma giet moghtija gustifikazzjoni kemm verbali jew dokumentata ta' kif s-socjeta` attrici waslet ghall-imsemmi ammont;

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ammont hekk pretiz huwa esagerat;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 1999 fejn il-kawza giet differita ghad-19 ta' Novembru 1999 biex id-diffensuri tas-socjeta` attrici jirregolaw ruhhom dwar il-kawzali tac-citazzjoni u okkorrendo jipprezentaw prospett aktar spjegattiv ghal pretiz kreditu.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fit-18 ta' Novembru 1999 (fol 16 sa 17 tal-process) fejn irriduciet it-talba dedotta fic-citazzjoni attrici mill-ammont ta' Lm33,351 konsistenti fl-ammont ta' Lm31,658.41 kapital u Lm1,782.61 imghax sal-31 ta' Marzu 1999 ghall-ammont ta' Lm33,230 kompost minn Lm31,478 kapital u Lm1,752.52 imghax sal-31 ta' Marzu 1999.

Rat in-Nota tas-socjeta' attrici datata 18 ta' Novembru 1999 u d-dokumenti hemm esibiti a fol. 18 sa fol. 64 tal-process.

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru 1999 fejn Dr Degabriele ddikjara li huwa prezenta nota u b'hekk gie illi rregola ruhu. Dr Chircop iddikjara li hu gie notifikat b'din in-nota dak in-nhar stess u talab differiment biex ikun jista' jezaminaha u okkorrendo jirregola ruhu. Dr Degabriele ma opponiex. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tat-3 ta' Mejju 2000, ta' l-4 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta u tat-2 ta' Novembru 2000 fejn Dr

Philip Manduca ghas-socjeta` attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Dr Carmel Chircop imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta' konvenuta ghall-11 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2001 fejn Dr Carmel Chircop imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti tat digriet fejn peress li l-kawza kienet differita ghal din is-seduta ghall-provi kollha tas-socjeta' konvenuta li baqghet ma dehritx u lanqas resqet provi, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mic-citazzjoni attrici jinghad li din il-kawza saret ghall-ammont ta' Lm33,351.02 allegatament dovuti mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-istore *"Chicco/Giocheria"* fil-*"The Galleria",* 189, Zabbar Road, Fgura.

Illi l-istess ammont gie ridott permezz ta' Nota datata 18 ta' Novembru 1999 ghall-ammont ta' Lm33,230 kompost minn Lm31,478 kapital u Lm1,752.52 imghax sal-31 ta' Marzu 1999, stante li imghax ulterjuri qed jitalab ukoll fl-istess citazzjoni b'effett mill-istess data appena ndikata.

Illi mic-citazzjoni attrici ma jirrizultax ghaliex huma dovuti l-istess ammonti hlief li huma konnessi mal-hanut hemm indikat, pero' certament dan ma huwiex il-mod kif tigi prezentata citazzjoni, pero' l-konvenut ma ressaq ebda ecccezzjoni dwar in-nullita' tal-istess citazzjoni, izda llimita ruhu sabiex jghid li ma jafx kif l-istess socjeta' attrici waslet ghall-ammont indikat fic-citazzjoni attrici stante li ma inghata qatt l-ebda spjegazzjoni la verbali u lanqas dokumentarja tal-ammont hemm indikat.

Illi fil-mori tal-kawza, apparti in-nota ta' riduzzjoni, giet ukoll prezentata nota spejgattiva ta' kif is-socjeta' attrici waslet ghall-istess ammont minnha pretiz, liema nota tinsab esibita a fol. 18 tal-process u datata 18 ta' Novembru 1999.

Illi mill-istess nota jirrizulta li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jikkonsisti fis-sewgenti:-

Illi s-socjeta' attrici kriet lis-socjeta' intimata l-ambjenti deskritti fil-kuntratt pubbliku datat 6 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis u *ai termini* tal-istess ftehim u l-ammonti indikati fic-citazzjoni attrici huma allegatament dovuti ghall-kawzali hemm premessi:-

(a) Lm17,000 dovuti bhala *"Once Only Consideration"* skond klawsola numru 3.03 tal-kuntratt dovuti mill-1 ta' Gunju 1998, u gew kalkolati imghax ta' Lm1,019 mill-istess data sal-31 ta' Marzu 1999.

(b) L-ammont ta' Lm9,500 bhala kera mill-1 ta' Settembru 1999 sat-30 ta' Gunju 1999 skond il-klawsola numru 3.01 tal-istess kuntratt; maghhom zdiedu l-ammont ta' Lm569 bhala imghax sal-31 ta' Marzu 1999;

(c) L-ammont ulterjuri ta' kera ta' Lm288.50 ghall-istore skond l-istess kwalsola, ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998. L-imghax kalkolat sal-31 ta' Marzu 1999 kien ta' Lm17.31.

(d) L-ammont ta' kera ghall-istess store ta' Lm288.50 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999. L-imghax sal-31 ta' Marzu 1999 jammonta ghall-Lm5.77.

(e) L-ammont ta' Lm1,166 rappresentanti sehem is-socjeta' konvenuta mill-*"Common Area Maintenance" charge* ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998 skond artikolu 5.04 tal-kuntratt, bl-imghax ta' Lm69.96 sal-31 ta' Marzu 1999.

(f) L-ammont ta' Lm1,166 rappresentanti sehem is-socjeta' konvenuta mill-*"Common Area Maintenance" charge* ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999 skond l-artikolu 5.04 tal-ftehim, bl-imghax ta' Lm23.32 sal-31 ta' Marzu 1999.

(g) L-ammont ta' Lm602 rapprezentanti sehem is-socjeta' konvenuta minn *"Marketing Charge"* dovuta skond

klawsola 5.06 tal-kuntratt ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998, bl-imghax ta' Lm36.12 sal-31 ta' Marzu 1999.

(h) L-ammont ta' Lm602 rapprezentanti sehem is-socjeta' konvenuta minn *"Marketing Charge"* dovuta skond klawsola 5.06 tal-kuntratt ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999, bl-imghax ta' Lm12.04 sal-31 ta' Marzu 1999.

(i) L-ammont ta' Lm762.03 rappresentanti konsum tal-elettriku u *"Thermal Consumption"* ghall-perjodu sal-31 ta' Ottubru 1998 dovuti skond artikolu 7.05 tal-istess kuntratt.

(j) L-ammont ta' Lm107 rappresentanti prezz ta' xogholijiet maghmula mill-istess socjeta' attrici fil-fond mikri lis-socjeta' konvenuta fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta

Illi dawn l-ammonti jirrizultaw mill-klawsoli relattivi tal-kuntratt relattiv u wkoll l-appendici tal-istess, ilkoll esebiti, u ikkonfermati mill-awdituri tas-socjeta' attrici *"Deloitte & Touche"* kif jirrizulta mir-rendikont a fol. 61 tal-process datat 17 ta' Novembru 1999, u ghalhekk jaghtu spjegazzjoni sewwa tal-ammonti pretizi fic-citazzjoni attrici supplamentata min-nota tal-istess socjeta' attrici tad-19 ta' Novembru 1999, permessa skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 165 tal-Kap 12.**

Illi ghal dawn l-allegazzjonijiet attrici, u ghall-ammont kif ridott il-konvenuti ma ressqu ebda prova jew eccezzjonijiet sabiex materjalment jikkontestaw jew b'xi mod jikkontradixxu t-talba attrici, u ghalhekk stante li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jinsab ippruvat, korroborat u mhux kontestat, it-talbiet attrici kif ridotti ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' it-talba attrici** b'dan li:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlieta u tlettin elf, mitejn u tlettin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm33,230.52) rappresentanti kwantu ghal (a) Lm17,000 dovuti bhala *"Once Only Consideration"* skond klawsola numru 3.03 tal-kuntratt datat 6 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis dovuti mill-1 ta' Gunju 1998, u flimkien mal-imghax ta' Lm1,019 mill-istess data sal-31 ta' Marzu 1999; (b) l-ammont ta' Lm9,500 bhala kera mill-1 ta' Settembru 1999 sat-30 ta' Gunju 1999 skond il-kawsola numru 3.01 tal-istess kuntratt, u l-imghax fl-ammont ta' Lm569 ikkalkulat sal-31 ta' Marzu 1999; (c) l-ammont ulterjuri ta' kera ta'

Lm288.50 ghall-*istore* skond l-istess kwalsola, ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998, bl-imghax fl-ammont ta' Lm17.31 kalkolat sal-31 ta' Marzu 1999; (d) l-ammont ta' kera ghall-istess *store* ta' Lm288.50 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999, bl-imghax ta' Lm5.77 kalkolat sal-31 ta' Marzu 1999; (e) l-ammont ta' Lm1,166 rappresentanti sehem is-socjeta' konvenuta mill-*"Common Area Maintenance" charge* ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998 skond artikolu 5.04 tal-kuntratt, bl-imghax ta' Lm69.96 sal-31 ta' Marzu 1999; (f) l-ammont ta' Lm1,166 rappresentanti sehem is-socjeta' konvenuta mill-*"Common Area Maintenance" charge* ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999 skond l-artikolu 5.04 tal-ftehim, bl-imghax ta' Lm23.32 sal-31 ta' Marzu 1999; (g) l-ammont ta' Lm602 rapprezentanti sehem is-socjeta' konvenuta minn *"Marketing Charge"* dovuta skond klawsola 5.06 tal-kuntratt ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 sal-31 ta' Dicembru 1998, bl-imghax ta' Lm36.12 sal-31 ta' Marzu 1999; (h) l-ammont ta' Lm602 rapprezentanti sehem is-socjeta' konvenuta minn *"Marketing Charge"* dovuta skond klawsola 5.06 tal-kuntratt ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sat-30 ta' Gunju 1999, bl-imghax ta' Lm12.04 sal-31 ta' Marzu 1999; (i) l-ammont ta' Lm762.03 rappresentanti konsum tal-elettriku u *"Thermal Consumption"* ghall-perjodu sal-31 ta' Ottubru 1998 dovuti skond artikolu 7.05 tal-istess

kuntratt; (j) l-ammont ta' Lm107 rappresentanti prezz ta' xogholijiet maghmula mill-istess socjeta' attrici fil-fond mikri lis-socjeta' konvenuta fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' April 1999 u tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici, u bl-imghax ulterjuri mill-31 ta' Marzu 1999 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**15 ta' Marzu, 2001**